MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Numru. 516/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Joseph Buhagiar**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Buhagiar ta' 56 sena iben Salvatore u Helen nee' Borg, imwieled Birkirkara nhar it-23 ta' Ottubru 1954 u residenti gewwa 'Sussex', Flat no. 2, Triq John Borg, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 787754 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-01 ta’ April 2011 ghall-habta ta’ bejn id-09.30hrs u 10.15hrs minn gewwa l-Iskola Primarja ‘B’ San Gwann;

Ikkommetta serq aggravat bil-persuna billi seraq biljett ta’ Super 5 ghad-dannu ta’ Salvina Gauci u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261, 268, 281 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ April 2011 (esebit *a folio* 2 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serq ta’ biljett tas-Super Five minn baskett ta’ purtinara fl-iskola tal-Gvern ta’ San Gwann, certu Salvina Gauci, liema serq sehh fl-1 ta’ April 2011. Meta xehdet din Salvina Gauci waqt l-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2012 hija qalet li meta marret tfittex il-biljett tas-Super Five mill-wallet taghha ma sabitux u dan meta ftit tal-hin qabel kienet hargitu u regghat dahlitu fil-wallet. Hija qalet li marret l-Ghassa taghmel ir-rapport u kienet indikat li kellha suspett f’purtinar iehor fl-iskola li huwa l-imputat fil-kawza odjerna. Mill-provi rrizulta li meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat sabu il-biljett tas-Super Five li kien instab nieqes fuqu. Meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 15 u 16 tal-atti processwali huwa ddikjara li Salvina Gauci kienet tatu il-biljett sabiex jiccekja x’numri telghu u imbaghad kien

zammu ghandu. Meta gie mistoqsi il-ghala huwa ma kien qal xejn meta Salvina Gauci bdiet tghajjat li xi hadd kien hadilha il-biljett huwa ma kienx kapaci jirrispondi. Huwa qal ukoll li kien hadilha biljett iehor li kien ramih. Meta huwa xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2012 huwa kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien seraq il-biljett tas-Super Five propjeta' ta' Salvina Gauci fid-data in dizamina. Dan jirrizulta mhux biss ghaliex l-imsemmi biljett instab fil-pussess tieghu izda anki il-ghaliex il-Qorti jidrilha li r-raguni moghtija mill-imputat il-ghala il-biljett instab fil-pussess tieghu hija ghal kollox inaccettabbli. Li kieku verament Salvina Gauci tatu l-biljett hi sabiex jiccekjalha x'numri kienu telghu huwa kien jaghtiha lura l-biljett malli hija skopriet li kien nieqes u mhux jibqa' sieket u jhalliha tmur l-Ghassa taghmel rapport. Huwa evidenti li huwa baqa' sieket meta Gauci bdiet tghajjat li xi hadd hadilha il-biljett ghaliex kien hadu hu minghajr il-kunsens taghha.

Il-Qorti jidrilha li l-aggravju tal-persuna jirrizulta ghaliex l-imputat kien f'posizzjoni li jisraq dan il-blijett minhabba l-posizzjoni tieghu ta' purtinar fl-iskola u ghalhekk il-kwalita' tieghu ta' seftur/purtinar swietlu ta' ghajnuna ai termini tal-Artikolu 268(a) tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-valur zghir tal-biljett tas-Super 5 kif ukoll il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 281 tal-Kodici Kirminali l-Qorti ssib lil-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------